# Giuseppe Briffa

## IL-PITTUR TAS-SAQAF TAL-KNISJA PARROKKJALI TA' KERĊEM

*It-Tieni taqsima*

Paul Cassar



### INTRODUZZJONI

Wara li fis-sensiela preċedenti, ippublikata fl-edizzjoni tas-sena 2014, għażilt li nikteb fuq l-artist protagonist Giuseppe Briffa u s-sehem importanti tiegħu fil-proġett tas-saqaf tal-Knisja Parokkjali ta' Kerċem. Għaldaqstant, jixraq li f'din l-edizzjoni nagħti titwila ħafifa fuq it-tfassil arkitettoniku tas-saqaf li serva bħala bażi għall-proġett. Għalkemm Briffa sab il-bażi lesta, li ovvjament kienet imneżżgħa mid-dekorazzjoni ta' lewn dehbi li naraw tul is-saqaf kollu, kien fadal bosta preparamenti qabel l-artist setà jagħti l-ewwel pinzellati tal-proġett. Għaldaqstant, biex il-ħsieb li nibet f'moħħ il-kummissjonaturi setà jiġi mwettaq fil-totalità tiegħu, l-impenn ta' Briffa kien kruċjali f'kull waqt tal-proġett.

### Briffa u l-proġett tas-saqaf

Il-proġett imħolli f'idejn l-artist Malti ta' l-ewwel nofs tas-seklu għoxrin, Giuseppe Briffa, fil-Knisja Parrokjali ta' Kerċem jistà jitqies bħala wieħed mill-akbar proġetti li saru f'Għawdex f'dak iż-żmien. Il-prestiġju fix-xogħol jidher fin-nisġa sistematika u t-tema kompożizzjonali maħsubha mill-artist fl-ispazju allokat lilu. Il-mertu tal-proġett ma jieqafx sal-kapaċità tal-artist, imma jinħass ukoll fin-nisga tematika li tgħin issieħeb lid-devot f'mixja kontemplattiva mnebbħa mill-ħajja qaddisa u luċida tal-Papa San Girgor il-Kbir. F'proġett ta' dan it-tip l-impenn tal-pittur huwa sinjifkanti. L-iskola fit-tfassil ta' spazji diversi b'episodji virtwali maħluqa permezz ta' xeni u persunaġġi hija kbira. Dan kollu hu frott ta' studju profond ta' sorsi letterarji fuq ħajjet il-qaddis imsemmi li eventwalment permezz tal-ħila ta' l-artist taw ħajja għall-ispazji vojta fl-ogħla partijiet tal-Knisja fejn moħħ id-devot bla ma jrid jassoċja mad-Divin. Il-professjonalità ta' Briffa tidher l-aktar fit-tfassil ta' dan is-saqaf. Xhieda ta' dan hu l-proċess rigoruż li għadda minnu Briffa sakemm beda jaħdem fuq s-sit. Huma bosta l-iskizzi li fortunatament għadna nsibu f'kollezzjonijiet kemm privati kif ukoll ekkleżjastiċi li juru tappi preparatorji interessanti minn fażijiet differenti tal-proġett.

It-temperament artistiku ta' Briffa kien uniku. L-artist kien bniedem mogħni bi professjonalità kbira li fl-għeruq tagħha taf tiżwiqa mil-isbaħ ta' prinċipji akkademiċi u valuri spiritwali b'saħħithom. Il-maestrija artistika tiegħu ħalliet impatt sinjifikattiv fuq il-konoxxenti u d-dilettani ta' żmienu. Infatti, sa mill-bidunett tal-karriera tiegħu l-artist ingħata l-fiduċja li jesegwixxi xogħol monumentali għal postijiet prestiġjużi. Ix-xogħol imwettaq fil-Knisja Parrokkjali ta' Kerċem huwa eżempju klassiku. Ix-xogħol jitkellem minn artist f'wieħed mill-isbaħ mumenti tal-maturità tiegħu.

Minkejja li l-kompożizzjoni tematika magħżulha fis-saqaf tidher kumplessa, Briffa jfassal sensiela ta' episodji armonjużi u fl-istess ħin bilanċjati mżejna b'paletta kumplimentari li tqanqal l-għajn. F' kelma oħra, dak li Briffa jipproduċi fis-saqaf u li jiddistingwieh minn opri oħra ta' l-istess żmien, huwa eżerċizzju artistiku korrett mogħni bi stilistika kontemporanja u b'laqtiet artistiċi distinti

### It tfassil tas-saqaf

Bħal f'proġetti oħra ta' dan it-tip, Briffa fassal is-saqaf tal-korsija skont il-wesgħa tan-navi (kapelluni) li jidhru fil-ġnub. Għalhekk, ġialadarba l-korsija tikkonsisti minn tliet daħliet żgħar skjerati fuq kull naħa (li f'erbgħa minnhom insibu altar) u li huma mifrudin b'pilastru, is-saqaf tal-korsija jikkonsisti minn tliet partijiet. Fiċ-ċentru ta' dawn il-partijiet jidher medaljun (forma ovali) kbir li jingħaqad mal-wesgħat ta' forma trijangulari ta' kull naħa u li jidhru jiffuramaw fuq t-twieqi li naraw

fil-ġnub tal-korsija. Il-koppla, jew aħjar l-ispazju ovali li jifforma fuq l-altar mejda, jidher jingħaqad mal-bqija tas-saqaf permezz ta' erbgħa fergħat f'forma triangulari u bil-maqlub. Dawn teknikament jissejħu pendenti. Il-koppla tidher distakkata min-nava bi spazju għoli li jadotta l-istess forma ta' l-istruttura ta' fuqu. Din il-parti, li teknikament tisejjaħ tambur, tikkonsisti minn tmien twieqi kbar li jalternaw ma' pilastri li jservu ta' pedament għad-diviżjonijiet tat-tmien flieli li jidhru jiffurmaw fil-koppla. Din ta' l-aħħar isservi biex tgħaqqad l-erbgħa lati prinċipali tal-knisja f'forma ta' salib Latin. Fit-truf ta' din il-forma jingħaqdu ma' l-erbà ġnub tal-Knisja (jiġifieri l-prospettiva tal-kwadru titulari, il-prospettivi ta' l-altari tal-ġnub, u faċċata tal-bieb prinċipali) permezz ta' arzella (nofs tond) mibnija b'sengħa kbira fil-ġebla Maltija.




l-Kon-Patruna ta' l-istess Knisja. Infatti, l-artist jislet fost l-isbaħ mumenti f'ħajjet il-Qaddis meta l-Madonna kienet l-aktar viċin il-protagonista qaddis u jiddedikalha partijiet ċentrali fix-xogħol. Ma' dan jidher l-impenn sfiq ta' l-artist biex jinkludi persunaġġi relatati ma ħajjet San Girgor u temi bibbliċi oħra fit-tfassil tal-proġett.

L-isfida li Briffa sab quddiemu qabel beda jfassal il-proġett kienet kbira. Żgur li l-ispazji vojta f'forom u daqsijiet diversi kienu l-isfida ewlenija għal Briffa. Għaldaqstant, biex ifassal is-sensiela ta' episodji li jidhru fis-saqaf, l-artist kellu jistabilixxi prinċipji pittoriċi li jibqà jirrepetihom u/jew jirreferi għalihom tul il-progett. Briffa rnexxielu jagħmel dan bl-aħjar mod imma mhux biss. L-artist kien kapaċi wkoll li joħloq varjazzjonijiet għal dawn il-prinċipji li kkumplimentaw l-impressjoni generali tax-xogħol. Fl-aħħar mill-aħħar, l-għan ewlieni ta' Briffa kien li jattira l-attenzjoni u jwassal messaġġ lid-devot minn kwalunkwe parti fil-Knisja.

Il-mixja minn espisodju għall-ieħor, minn kompożizzjoni għall-oħra tidher rappreżentata bl-aktar mod ċar u dirett. Briffa jislet episodji minn ħajjet il-Papa San Girgor il-Kbir u jipproduċihom fis-saqaf. Mhux biss. Briffa kellu responsabbiltà oħra importanti. L-artist ried joħloq bilanċ tematiku f'dak li għandu x'jaqsam ma' patronaġġ tal-Knisja Parokkjali ta' Kerċem. Għalkemm fis-saqaf jidher ripetutament San Girgor il-Kbir, u bir-ragun, Briffa jirriserva post esklussiv għar-rappreżentazzjoni tal-Madonna li hija

**Konklużjoni**

Is-sinerġija temtika li tidher fis-saqaf hija waħda mill-karatteristiċi ewlenin tal-proġett. Dan hu frott kapaċità sfiqa trasmessa bl-aktar mod dinjituż fix-xogħol. Briffa jżewwaq l-abilta' kollha tiegħu fil-ġeneru ma' studju profond li wassal biex intgħażlu l-episodji mpittra. Fid-dawl ta' dan, jixraq li fl-edizzjoni segwenti nagħtu ħarsa dettaljata tar-rappreżentazzjonijiet diversi, tal-paralleliżmi simboliċi u tat-testi teologiċi li setà ddakkar minnhom Briffa biex ħoloq dan ix-xogħol.

